



Brussell, 24 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14499/1/23
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0301(NLE)**

PECHE 468

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	ST 14024/1/23 REV 1 Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2024, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra - Qbil politiku

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-kompromess tal-Presidenza dwar il-proposta msemmija hawn fuq¹, kif maqbul mill-Kunsill fl-24 ta' Ottubru 2023:

1. Il-bidliet fil-premessi u l-artikoli tal-proposta tal-Kummissjoni huma mmarkati b'**tipa grassa sottolinjata** u b'[...]
2. Il-livelli riveduti tat-TAC fl-anness tal-proposta tal-Kummissjoni.
3. Dikjarazzjonijiet.

¹ Il-bidliet murija f'dan id-dokument huma relatati mal-verżjoni konsolidata tal-proposta maħruġa fid-19 ta' Ottubru 2023 (dok. 14024/1/23 REV 1). Jintwerew biss il-bidliet; il-partijiet li ma nbidlux ma jidhrux f'dan id-dokument. Il-bidliet jinkludu aġġornamenti għall-proposta tal-Kummissjoni mniżżla fit-tielet dokument informali tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ fl-20 ta' Ottubru 2023 (dok. 14524/23).

1. BIDLIET FIL-PREMESSI U L-ARTIKOLI

Il-premessa 7 hija modifikata kif ġej:

(7) Hemm ċerti stokkijiet koperti mir-Regolament (UE) 2016/1139 li għalihom l-ICES [...] jagħti parir għal qabdiet zero[...] . Madankollu, kieku t-TACs jiġu stabbiliti fil-livelli rakkomandati, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha, inkluż il-qabdiet aċċessorji minn daww l-istokkijiet f'sajd imħallat, iwassal għall-fenomeni ta' "speċi bi kwota limitanti". "Speċi bi kwota limitanti" hija speċi b'nuqqas ta' kwota li tista' twassal biex bastiment tas-sajd wieħed jew aktar jieqaf jistad anke jekk ikun għad għandhom kwota għal speċijiet oħra. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għal qabdiet aċċessorji għal daww l-istokkijiet sabiex jinkiseb bilanċ bejn iż-żamma tas-sajd, minħabba l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment serji li jirriżultaw min-nuqqas ta' dan, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal daww l-istokkijiet, filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'MSY. Jenħtieġ li daww it-TACs għal qabdiet aċċessorji jiġu stabbiliti f'livelli li jiżguraw li l-mortalità għal daww l-istokkijiet titnaqqas u jipprovdu inċentivi biex tittejjeb is-selettività u biex jiġu evitati l-qabdiet aċċessorji ta' daww l-istokkijiet. Sabiex jitnaqqas l-qabdiet tal-istokkijiet li għalihom jiġu stabbiliti t-TACs tal-qabdiet aċċessorji, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-attivitajiet tas-sajd li fihom jinqabad il-ħut minn daww l-istokkijiet jiġu stabbiliti f'livelli li jgħinu biex il-bijomassa tal-istokkijiet vulnerabbli tirkupra għal livelli sostenibbli.

Il-premessa 7a hija modifikata kif ġej:

(7a) Skont l-ICES, il-maġġoranza l-kbira tas-sajd fil-Baħar Baltiku għandu mill-inqas xi livell ta' taħlit bejn l-ispeċijiet². Dan it-taħlit jikkonċerna kemm speċijiet ġestiti minn TAC tal-UE kif ukoll speċijiet mhux ġestiti minn TAC tal-UE. L-aktar livell importanti ta' taħlit iseħħ bejn l-ispeċijiet pelaġiċi u l-ispeċijiet demersali. Għall-2024, l-ICES jagħti parir li ma jsir l-ebda qbid tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent, tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tas-salamun fil-baċir ewlieni. [...] **Barra minn hekk**, il-parir ta' prekawzjoni tal-ICES għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent huwa estremament baxx. Għalhekk, jekk it-TACs għal dawn l-istokkijiet ġew stabbiliti fil-livelli rakkomandati mill-ICES, dan iwassal biex bastimenti li jistadu b'mod partikolari għall-barbun tat-tbajja' [...] jieqfu mis-sajd fl-2024. Abbażi tad-data tal-EUMOFA, il-valur tal-ewwel bejgħ tas-sajd [...] tal-barbun tat-tbajja' [...] li jista' jinqabad fil-limiti tat-TACs proposti huwa stmat għal EUR 24.5 **miljun**[...]³. Ħafna attivitajiet tas-sajd, b'mod partikolari s-sajd kostali fuq skala żgħira, għal speċijiet mhux ġestiti minn TAC tal-UE, b'mod partikolari speċijiet oħra ta' ħut ċatt, ikun jeħtieġ ukoll li jieqfu fl-2024. Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita TAC għall-qabdiet aċċessorji tal-"ispeċi bi kwota limitanti" [...], tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent, [...] tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, u tas-salamun fil-baċir ewlieni taħt ċerti kundizzjonijiet.

² ICES Fisheries Overviews, Baltic Sea ecoregion (Ħarsiet Ġenerali lejn is-Sajd tal-ICES, ekoreġjun tal-Baħar Baltiku) <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21646934>

³ Abbażi tad-data tal-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u l-Akkwakultura (EUMOFA) dwar il-prezz tal-ewwel bejgħ u l-ammont ta' haħt l-art, bħala medja għas-snin 2019-2021 għal Stati Membri speċifiċi, imbagħad ikkonvertit fil-prezz tal-ewwel bejgħ u finalment immultiplikat bil-kwota allokata għall-2024 lil Stat Membru. Il-prezz tal-ewwel bejgħ huwa l-prezz tal-ħut li jinħatt l-art li jinbiegħ jew jiġi rreġistrat f'ċentru tal-irkant lil xerrejja rreġistrati jew lil organizzazzjonijiet tal-produtturi. Għalhekk, il-valur stmat ibbażat fuq il-prezz tal-ewwel bejgħ jindika valur biss fl-ewwel stadju tal-katina tal-valur.

Il-premissa 8 hija modifikata kif ġej:

- (8) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, l-ICES jistma li l-bijomassa tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant għadha taħt il-punt ta' referenza ta' limitu għall-bijomassa tal-istokk riproduttiv li taħtu huwa possibbli li l-kapaċità riproduttiva titnaqqas (B_{lim}) u bilmkemm żdiedet meta mqabbla mal-2022. Għalhekk, għall-ħames sena konsekuttiva, l-ICES jagħti l-parir li ma jinqabad l-ebda bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant⁴. F'dawn iċ-ċirkostanzi, skont [...] ir-Regolament (UE) 1380/2013, jixraq li s-sajd immirat jinżamm magħluq u li l-miżuri ta' rimedju, li huma marbuta b'mod funzjonali, jinżammu kif inhumu[...] . Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli jiġu stabbiliti f'livell baxx filwaqt li jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċi bi kwota limitanti".

Il-premissa 9 hija modifikata kif ġej:

- (9) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, minħabba inċertezzi kontinwi fil-parir, l-ICES iddegrada⁵ l-parir tiegħu għal parir ta' prekawzjoni. Issa jidher li l-istokk ilu taħt il- B_{lim} għall-biċċa l-kbira ta' dawn l-aħħar 15-il sena u fl-2022 kien f'livell storikament baxx. Il-parir ta' prekawzjoni dwar il-qbid huwa baxx ħafna. F'dawn iċ-ċirkostanzi, f'konformità [...] mar-Regolament (UE) 1380/2013, jixraq li s-sajd immirat jinżamm magħluq u li l-miżuri ta' rimedju, li huma marbuta b'mod funzjonali, jinżammu kif inhumu, **u li jinġhalag is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent**[...] . Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli jiġu stabbiliti f'livell baxx filwaqt li jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċi bi kwota limitanti".

Il-premissa 10 hija modifikata kif ġej:

- (10) Fir-rigward tas-salamun fis-subdiviżjonijiet 22 sa 31 tal-ICES, l-ICES żamm mal-parir tiegħu li ma jsir l-ebda qbid, illimita l-possibbiltà tas-sajd kostali immirat kontinwu li jsir fis-sajf għas-subdiviżjoni 31 tal-ICES, u naqqas il-parir tiegħu dwar il-qbid skont dan⁶. Skont [...] ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, f'dawn iċ-ċirkostanzi, jixraq li ż-żona tas-sajd u l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd jiġu aġġustati f'konformità mal-parir tal-ICES, u li l-miżuri ta' rimedju tagħhom, li huma marbuta b'mod funzjonali, jinżammu kif inhumu.

Il-premissa 14 hi sostitwita kif ġej:

- (14) Fir-rigward tal-aringa fil-Golf ta' Botnja, li s-sajd tagħha huwa ta' importanza soċjoekonomika kbira, l-ICES ipprova parir dwar l-MSY b'meded ta' qabdiet⁷. Fl-istess ħin, il-bijomassa tal-istokk tinsab taħt il-punt ta' referenza li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa ($B_{trigger}$), u hemm probabbiltà li l-istokk jinżel taħt il- B_{lim} fl-2025. F'dawk iċ-ċirkostanzi, skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, jixraq li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti fil-medda inferjuri tal- F_{MSY} .**

⁴ <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820497>

⁵ <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820494>

⁶ <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820596>

⁷ <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820521>

Il-premessa 15 hija modifikata kif ġej:

- (15) Fir-rigward tal-aranga tal-Baltiku tal-Punent, l-ICES jistma li filwaqt li l-bijomassa tal-istokk żdiedet, hija biss 71 % tal-B_{lim}⁸. Barra minn hekk, ir-reklutaġġ għadu f'livelli storikament baxxi, u l-bijomassa mhijiex mistennija li fl-2025 tirkupra 'l fuq mill-B_{lim}. Għalhekk, għas-sitt sena konsekuttiva, l-ICES jagħti l-parir li ma tinqabad l-ebda aranga tal-Baltiku tal-Punent. F'dawk iċ-ċirkostanzi, **skont[...] ir-Regolament (UE) 2016/1139**, jixraq li s-sajd immirat jinżamm magħluq u li l-opportunitajiet tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli [...] **jigħu[...] stabbiliti** [...] f'livell baxx [...] **biex** jiġi evitat[...] il-fenomeni ta' "speċi bi kwota limitanti".

Il-premessa 16 hi sostitwita kif ġej:

- (16) **Fir-rigward tal-aranga tal-Baltiku Ċentrali, li s-sajd tagħha huwa ta' importanza soċjoekonomika kbira, l-ICES ipprova parir dwar l-MSY b'meded ta' qabdiet⁹. Fl-istess ħin, l-ICES jistma li l-istokk kien taħt il-B_{lim} fil-biċċa l-kbira ta' dawn l-aħħar 30 sena, inkluż f'dawn l-aħħar snin u li hemm probabbiltà li l-istokk jibqa' taħt il-B_{lim} fl-2025. F'dawk iċ-ċirkostanzi, skont ir-Regolament(UE) 2016/1139, jixraq li jigħu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd fil-medda inferjuri tal-F_{MSY}, u li jiġi stabbilit għeluq fiż-żmien riproduttiv għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir pelagiġiku bħala miżura ta' rimedju addizzjonali funzjonalment marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd.**

Il-premessa 17 hija modifikata kif ġej:

- (17) Fir-rigward tal-aranga fil-Golf ta' Riga, l-ICES jistma li l-bijomassa tinsab 'il fuq mill-B_{trigger} u l-pressjoni tas-sajd fil-livell tal-F_{MSY}¹⁰. [...] **Jixraq għaldaqstant** li l-opportunitajiet tas-sajd jigħu stabbiliti [...] **skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, fil-valur tal-punt tal-F_{MSY}[...]** .

Il-premessa 18 hija modifikata kif ġej:

- (18) Fir-rigward tal-barbun tat-tbajja', l-ICES jistma li l-bakkaljaw huwa qabda aċċessorja fis-sajd għall-barbun tat-tbajja'¹¹. Jixraq għaldaqstant li l-opportunitajiet tas-sajd jigħu stabbiliti għall-barbun tat-tbajja', [...] skont [...] ir-Regolament (UE) 2016/1139, **taħt l-anqas valur fil-medda tal-F_{MSY}.**

Il-premessa 19 hija modifikata kif ġej:

- (19) Fir-rigward tal-laċċa kaħla, l-ICES jistma li filwaqt li l-bijomassa tinsab 'il fuq mill-B_{trigger}, ma kien hemm l-ebda reklutaġġ qawwi mill-2014 'l hawn¹². Barra minn hekk, l-ICES jistma li r-reklutaġġ fl-2021 u l-2022 kien storikament baxx. Barra minn hekk, is-sajd għal-laċċa kaħla spiss ikun sajd imħallat bl-arangi. Jixraq għaldaqstant li l-opportunitajiet tas-sajd jigħu stabbiliti għall-laċċa kaħla, [...] skont [...] ir-Regolament (UE) 2016/1139, **fil-medda inferjuri korrispondenti tal-F_{MSY}.**

⁸ <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21907944>

⁹ <https://doi.org/10.17895/ices.advice.23310368>

¹⁰ <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820512>

¹¹ <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820533> u <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820539>

¹² <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820581>

Il-premessa 22 hija modifikata kif ġej:

- (22) Il-bijomassa tal-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent[...] u tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent [...] jinsabu taħt il-B_{lim}. [...] Għal dawn l-istokkijiet kollha fl-2024 huma permessi biss qabdiet inċidentali u sajd xjentifiku [...], kif ukoll sajd kostali fuq skala żgħira fil-każ tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent. Għalhekk, u minħabba r-reżiljenza relattivament baxxa tal-ekosistema tal-Baħar Baltiku, l-Istati Membri li għandhom sehem mill-kwota tat-TACs rilevanti impenjaw ruħhom li fl-2024 ma japplikawx il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal daww l-istokkijiet sabiex il-qabdiet fl-2024 ma jaqbżux it-TACs rilevanti. Barra minn hekk, fis-subdiviżjonijiet 22 sa 30 tal-ICES, il-bijomassa ta' kważi l-istokkijiet kollha tas-salamun tax-xmajjar tinsab taħt il-punt ta' referenza tal-limitu għall-produzzjoni tas-salamun żgħir (R_{lim}), u fl-2024 huma permessi biss il-qabdiet aċċessorji u s-sajd xjentifiku. Għalhekk, l-Istati Membri rilevanti impenjaw ruħhom b'mod simili rigward il-flessibbiltà minn sena għal sena fir-rigward tal-qabdiet tas-salamun tal-baċir ewlieni fl-2024.

Il-premessa (23) hi sostitwita kif ġej:

- (23) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194¹³ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja mill-1 ta' Novembru 2022 sal-31 ta' Ottubru 2023 fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ("Skagerrak-Kattegat"), fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES ("il-Baħar tat-Tramuntana"). L-istaġun tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja huwa mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Ottubru tas-sena ta' wara. [...] L-Unjoni u r-Renju Unit kellhom konsultazzjonijiet bilaterali skont l-Artikolu 498(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fis-16 ta' Ottubru 2023 u qablu dwar TAC abbażi tal-parir tal-ICES ippubblikat fid-9 ta' Ottubru 2023¹⁴. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni ġew iddokumentati fir-Rekord bil-Miktub, li ġie approvat mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru 2023 u ffirmat mir-rappreżentant tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni u mill-Kap tad-Delegazzjoni tar-Renju Unit, f'konformità mal-Artikolu 498(6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875. Għaldaqstant, l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4, u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Ottubru 2024 jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell stabbilit f'dak ir-Rekord bil-Miktub.

Tiddaħħal il-premessa (24a) li ġejja:

- (24a) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta'

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

¹⁴ https://ices-library.figshare.com/articles/report/Norway_pout_i_Trisopterus_esmarkii_i_in_Subarea_4_and_Division_3_a_North_Sea_Skagerrak_and_Kattegat_/21907857?backTo=/collections/ICES_Advice_2023/6398177

implimentazzjoni tiegħu jipprevedu¹⁵ li l-UE għandha tirċievi mill-Gvern ta' Greenland 7,7 % tat-TAC għall-kapelin (*Mallotus villosus*) li jingabad fl-ilmijiet ta' Greenland fis-subżoni 5 u 14 tal-ICES. Fil-5 ta' Ottubru 2023, il-Gvern ta' Greenland informa lill-UE li, abbażi tal-parir xjentifiku intermedju ppubblikat mill-Istitut İzlandiż għar-Riċerka tal-Baħar u tal-Ilma Ħelu, li skontu l-qabdiet "*fix-xitwa 2023/2024*" ma għandhomx ikunu aktar minn żero tunnelli, il-Gvern ta' Greenland bħalissa mhuwiex f'pożizzjoni li joffri l-kapelin lill-UE għall-perjodu korrispondenti. Sakemm jinħareġ il-parir xjentifiku finali, li jista' jippermetti lill-Gvern ta' Greenland joffri l-kapelin lill-UE, l-opportunitajiet tas-sajd għal dak l-istokk fir-Regolament (UE) 2023/194 jenhtiegħ għaldaqstant li jiġu mmarkati "*Għandhom jiġu stabbiliti*".

Il-premessa 26 hija sostitwita b'dan li ġej:

- (26) Biex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd, jenhtiegħ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mal-Baħar Baltiku jibdwu japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024. Madankollu, jenhtiegħ li dan ir-Regolament japplika għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES, u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Ottubru 2024, peress li dak huwa l-istaġun tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja. **Dan ir-Regolament jenhtiegħ li japplika għall-merluzz tal-linja sewda fis-subżona 4, id-diviżjoni 6a u d-diviżjoni 3a tal-ICES (il-Baħar tat-Tramuntana, il-Punent tal-Iskozja, Skagerrak) mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023, sabiex jiġi ggarantit l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2023.** Għal raġunijiet ta' urġenza, jenhtiegħ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

L-Artikolu 5 huwa mmodifikat kif ġej:

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri stipulata f'dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju:
 - (a) għall-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (b) għat-tnaqqis u għar-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
 - (c) għall-ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 [...] **jew** skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

¹⁵ ĠU L 175, 18.5.2021, p. 3. L-Unjoni approvat il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2043 tat-18 ta' Novembru 2021 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu (ĠU L 418, 24.11.2021, p. 1).

- (d) għall-kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96[...] **jew** trasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (e) għat-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
2. L-istokkijiet soġġetti għat-TACs prekawzjonarji jew analitiċi għall-finijiet tal-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96 huma identifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
 3. Għajr meta speċifikat mod ieħor fl-Anness ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC prekawzjonarja, u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet soġġetti għal TAC analitika.
 4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

L-Artikolu 7 huwa mmodifikat kif ġej:

Artikolu 7

Għeluq għall-protezzjoni tar-riproduzzjoni tal-bakkaljaw

1. Għandu jkun ipprojbit is-sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-subdiviżjonijiet 25 u 26 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu.
2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fil-każ ta':
 - (a) operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li dawg l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;

bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bl-għeżula tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati ta' fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
 - (b) **bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fis-subdiviżjoni 25 għal stokkijiet pelaġiċi għall-konsum dirett mill-bniedem, bl-użu ta' rkapti b'daqs tal-malja ta' 45 mm jew inqas, f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 50 metru skont il-koordinati fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u li l-ħatt l-art tagħhom jiġi magħżul.**
3. Għandu jkun ipprojbit is-sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-subdiviżjonijiet 22 u 23 mill-15 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu u fis-subdiviżjoni 24 mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Awwissu.

4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3 ma għandhiex tapplika fil-każ ta':
- (a) operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li daww l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;
 - (b) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bl-għeżula tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati ta' fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
 - (c) **bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fis-subdiviżjoni 24 għal stokkijiet pelaġiċi għall-konsum dirett mill-bniedem, bl-użu ta' rkapti b'daqs tal-malja ta' 45 mm jew inqas, f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 40 metru skont il-koordinati fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u li l-ħatt l-art tagħhom jiġi magħżul**
 - (d) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu bil-gangmi għall-molluski bivalvi fis-subdiviżjoni 22, f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati ta' fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni msemija fil-paragrafu 2, il-punt (b) u fil-paragrafu 4, il-punti (b) u (c) għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru kompetenti.

Jiddaħħal l-Artikolu 7a:

Artikolu 7a

Għeluq għall-protezzjoni tar-riproduzzjoni tal-arinġa fis-subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32

Għandu jkun ipprojbit is-sajd għal speċijiet pelaġiċi bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiċi matul il-perjodi li ġejjin:

- **fis-subdiviżjonijiet 25 u 26 mill-1 ta' April sat-30 ta' April;**
- **fis-subdiviżjonijiet 27 u 28.2 mis-16 ta' April sal-15 ta' Mejju;**
- **fis-subdiviżjonijiet 29 u 32 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Mejju.**

L-Artikolu 12 huwa mmodifikat kif ġej:

Fl-Artikolu 12, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- (1) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja (*Trisopterus esmarkii*) **fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a ("Skagerrak-Kattegat") tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES)**, fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES **("il-Baħar tat-Tramuntana")** hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Merluzz tan-Norveġja u qabdiet aċċessorji assoċjati <i>Trisopterus esmarkii</i>	Żona:	3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni ta' 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 2a (NOP/2A3A4.)
---------	--	-------	--

Sena	2023		2024		
Id-Danimarka	49 478	(1)(3)	8 226	(1)(6)	TAC analitika
Il-Ġermanja	9	(1)(2)(3)	2	(1)(2)(6)	<u>L-Artikolu 3(1) u 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.</u>
In-Netherlands	36	(1)(2)(3)	6	(1)(2)(6)	<u>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.</u>
L-Unjoni	49 524	(1)(3)	8 234	(1)(6)	
Ir-Renju Unit	10 204	(2)(3)	2 058	(2)(6)	
In-Norveġja	0	(4)	0	(4)	
Il-Gżejjer Faroe	0	(5)	0	(5)	
TAC	59 728		10 292		

- (1) Sa 5 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu (OT2/*2A3A4). Il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu li jinqatgħu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, f'daqqa ma għandhomx jaqbu 9 % tal-kwota.
- (2) Il-kwota tista' tinqabad biss fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a u 4.
- (3) Tista' tinqabad biss mill-1 ta' Novembru 2022 sal-31 ta' Ottubru 2023.
- (4) Għandu jintuża għarbiel.
- (5) Għandu jintuża għarbiel. Dan l-ammont jinkludi massimu ta' 15 % ta' qabdiet aċċessorji inevitabbli (NOP/*2A3A4), li għandhom jinqatgħu minn din il-kwota.
- (6) Tista' tinqabad biss mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Ottubru 2024.

Fl-Artikolu 12, jiddaħħal il-punt li ġej:

(3) Fl-Anness IB, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-kapelin (*Mallotus villosus*) fl-ilmijiet ta' Greenland tas-subżoni 5 u 14 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Kapelin <i>Mallotus villosus</i>	Żona:	L-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5 u 14 (CAP/514GRN)
Id-Danimarka	<u>Għadhom jiġu stabbiliti</u>	TAC analitika	<u>L-Artikolu 3(1) u 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.</u>
Il-Ġermanja	<u>Għadhom jiġu stabbiliti</u>		<u>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.</u>
L-Iżvezja	<u>Għadhom jiġu stabbiliti</u>		
L-Istati Membri kollha	<u>Għadhom jiġu stabbiliti</u>	(1)	
L-Unjoni	<u>Għadhom jiġu stabbiliti</u>	(2) (3)	
In-Norveġja	<u>Għadhom jiġu stabbiliti</u>	(3)	
TAC	<u>Mhux rilevanti</u>		

(1)

Id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja jista' jkollhom aċċess għall-kwota ta' "L-Istati Membri kollha" biss ladarba jkunu eżawrew il-kwota tagħhom stess. Madankollu, l-Istati Membri li jkollhom iktar minn 10 % mill-kwota tal-Unjoni ma għandu bl-ebda mod ikollhom aċċess għall-kwota tal-"Istati Membri kollha". Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapportati separatament (CAP/514GRN_AMS).

(2)

Is-sajd jista' jibda meta l-Unjoni taċċetta offerta għal tali kwoti mill-awtoritajiet ta' Greenland fil-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet tagħhom ma jaqbżux il-kwantità li jirċievu mill-awtoritajiet ta' Greenland, wara tnaqqis tal-kwantitajiet trasferiti lin-Norveġja.

(3)

Għal perjodu tas-sajd mill-15 ta' Ottubru 2023 sal-15 ta' April 2024."

Fl-Artikolu 13, il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(b) **l-Artikolu 12, il-punt (2) għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.**

2. BIDLIET GĦALL-ANNESS TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Tabella 1

Speċi:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	Is-subdiviżjonijiet 30-31 (HER/30/31.)
Il-Finlandja	[...] <u>45 092</u> ⁽¹⁾	TAC analitika	
L-Iżvezja	[...] <u>9 908</u> ⁽¹⁾	[...]	
L-Unjoni	[...] <u>55 000</u> ⁽¹⁾	[...]	
TAC	[...] <u>55 000</u> ⁽¹⁾		
[...]	[...]		
	[...]		

Tabella 2

Speċi:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	Is-subdiviżjonijiet 22-24 (HER/3BC+24)
Id-Danimarka	[...] <u>110</u> ⁽¹⁾	TAC analitika	
Il-Ġermanja	[...] <u>435</u> ⁽¹⁾	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Finlandja	0 ⁽¹⁾	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	
Il-Polonja	[...] <u>103</u> ⁽¹⁾		
L-Iżvezja	[...] <u>140</u> ⁽¹⁾		
L-Unjoni	[...] <u>788</u> ⁽¹⁾		
TAC	[...] <u>788</u> ⁽¹⁾		
⁽¹⁾ Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntast ta' din il-kwota. B'deroga mill-ewwel paragrafu, l-operazzjonijiet tas-sajd li jsiru biss għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi jistgħu jiġu diretti għall-aringa, dment li daww l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.			
<u>B'deroga mill-ewwel paragrafu, is-sajd ta' din il-kwota huwa permess għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bl-għeżula tat-tħabbil, bix-xlief, bix-xbieki mirfuda f'post fiss jew bi rkapti tat-trejjix. Il-kaptani ta' daww il-bastimenti tas-sajd għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru kompetenti.</u>			

Tabella 3

Speċi:	Aringa	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32 (HER/3D-R30)
	<i>Clupea harengus</i>		
Id-Danimarka	[...] 888	[...]	TAC analitika
Il-Ġermanja	[...] 235	[...]	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Estonja	[...] 4 535	[...]	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
Il-Finlandja	[...] 8 853	[...]	
Il-Latvja	[...] 1 119	[...]	
Il-Litwanja	[...] 1 178	[...]	
Il-Polonja	[...] 10 057	[...]	
L-Iżvezja	[...] 13 503	[...]	
L-Unjoni	[...] 40 368	[...]	
TAC	Mhux rilevanti		
[...]	[...]		
	[...]		

Tabella 4

Speċi:	Aringa	Żona:	Is-subdiviżjoni 28.1 (HER/03D.RG)
	<i>Clupea harengus</i>		
L-Estonja	[...] 17 529		TAC analitika
Il-Latvja	[...] 20 430		Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.
L-Unjoni	[...] 37 959		
TAC	[...] 37 959		

Tabella 6

Speċi: Bakkaljaw <i>Gadus morhua</i>			Żona: Is-subdiviżjonijiet 22-24 (COD/3BC+24)
Id-Danimarka	[...]	[...] 148 ⁽¹⁾	TAC prekawzjonarja
Il-Ġermanja		[...] 73 ⁽¹⁾	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Estonja		[...] 3 ⁽¹⁾	
Il-Finlandja		[...] 3 ⁽¹⁾	
Il-Latvja		[...] 12 ⁽¹⁾	
Il-Litwanja		[...] 8 ⁽¹⁾	
Il-Polonja		[...] 40 ⁽¹⁾	
L-Iżvezja		[...] 53 ⁽¹⁾	
L-Unjoni		[...] 340 ⁽¹⁾	
TAC		[...] 340 ⁽¹⁾	
⁽¹⁾ Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota. B'deroga mill-ewwel paragrafu, l-operazzjonijiet tas-sajd li jsiru biss għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi jistgħu jiġu diretti għall-bakkaljaw, dment li daww l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.			

Tabella 10

Speċi: Laċċa kaħla <i>Sprattus sprattus</i>		Żona: L-ilmijiet tal-Unjoni tas- subdiviżjonijiet 22-32 (SPR/3BCD-C)
Id-Danimarka	[...] <u>19 827</u>	TAC analitika
Il-Ġermanja	[...] <u>12 561</u>	Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir- Regolament.
L-Estonja	[...] <u>23 024</u>	
Il-Finlandja	[...] <u>10 379</u>	
Il-Latvja	[...] <u>27 807</u>	
Il-Litwanja	[...] <u>10 059</u>	
Il-Polonja	[...] <u>59 013</u>	
L-Iżvezja	[...] <u>38 330</u>	
L-Unjoni	[...] <u>201 000</u> <u>201 000</u>	
TAC	Mhux rilevanti	

3. DIKJARAZZJONIJIET

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aringa tal-Botnja u dwar l-aringa tal-Baltiku Ċentrali

Il-Kummissjoni tieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kunsill biex il-qabdiet totali permissibbli (TACs) għall-aringa tal-Botnja u għall-aringa tal-Baltiku Ċentrali jiġu stabbiliti f'livelli baxxi, kif ukoll jiġu stabbiliti miżuri ta' rimedju mmirati biex daww l-istokkijiet jiġu rikostitwiti għal livelli superjuri mill-MSY Btrigger.

Madankollu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Kunsill ma ddeċidix li jagħlaq is-sajd immirat għaż-żewġ stokkijiet għall-2024, billi dan kieku jippermetti rkupru aktar rapidu tal-istokkijiet.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet pluriennali

Il-Kummissjoni tifhem ir-raġunijiet għat-talbiet tal-Istati Membri biex jippreżentaw proposta għal emenda mmirata tal-pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, għall-Baħar tat-Tramuntana u għall-Ilmijiet tal-Punent. Il-Kummissjoni tfakkar li skont it-Trattat, hija għandha d-dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva. B'mod partikolari, hija l-Kummissjoni li għandha tiddetermina l-iskedar u l-kontenut ta' kwalunkwe tali proposta li se tiġi ppreżentata.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, il-Finlandja u l-Iżvezja dwar il-ġestjoni tas-sajd għas-salamun fis-subdiviżjonijiet 29N u 30

Il-Finlandja u l-Iżvezja jqisu li l-istokk tas-salamun Ljungan sofra minn marda, iżda li s-sitwazzjoni għall-istokk żviluppat b'mod pożittiv fl-2023 b'ċiklu akbar ta' riproduzzjoni u b'għadd smat akbar ta' salamun żgħir.

Il-Finlandja u l-Iżvezja jqisu wkoll li l-probabbiltà li jintlaħaq il-Blim għall-istokk tas-salamun Ljungan sa ċertu punt tiddependi mill-mortalità mis-sajd. Għalhekk, huma jqisu li miżuri ta' ġestjoni mmirati huma aktar effettivi għall-irkupru tal-istokk tas-salamun Ljungan.

Il-Finlandja u l-Iżvezja jqisu li bidu mdewwem tas-sajd kummerċjali u rikreattiv għas-salamun sal-20 ta' Mejju 2024 ikun restrizzjoni sinifikanti meta mqabbel mal-bidu fl-1 ta' Mejju kif rakkomandat mill-ICES. Huma jqisu li b'hekk tkun possibbli migrazzjoni bikrija u li s-salamun selvaġġ kbir ta' valur, inkluż individwi mill-istokk tas-salamun Ljungan, ikun jista' jemigra lejn ix-xmajjar riproduttivi tiegħu qabel ma jibda s-sajd tas-salamun. Barra minn hekk, l-Iżvezja tkun lesta

li timplimenta restrizzjonijiet reġjonali fuq is-sajd għas-salamun fix-Xmara Ljungan u barra minnha.

Il-Finlandja u l-Iżvezja jaqblu wkoll li TAC imnaqqsa għal 53 967 salamun hija miżura sinifikanti għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tas-salamun.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Finlandja u l-Iżvezja, ser titlob b'mod urġenti lill-ICES biex jipprovdi parir xjentifiku mill-aktar fis possibbli, dwar il-miżuri ta' ġestjoni li l-Finlandja u l-Iżvezja huma lesti li jistabbilixxu għas-sajd tas-salamun fis-subdiviżjonijiet 29N u 30. Il-Finlandja u l-Iżvezja ser jipprovdu lill-ICES u lill-Kummissjoni l-informazzjoni xjentifika u l-għarfien espert meħtieġa għal tali parir. Abbażi ta' dak il-parir tal-ICES, il-Kummissjoni, jekk ikun xieraq, ser tippreżenta proposta għal emenda għar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd fil-Baltiku.

Dikjarazzjoni Konġunta mid-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Iżvezja dwar is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw tal-Punent

Id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Iżvezja għadhom imħassba dwar l-istatus tal-bakkaljaw tal-Punent u jibqgħu impenjati għall-irkupru tiegħu. Fl-istess ħin, huma jirrikonoxxu l-importanza soċjoekonomika u kulturali tas-sajd rikreattiv. L-Istati Membri msemmija hawn fuq jappellaw lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-ftuħ mill-ġdid tas-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw tal-Punent fi proposti futuri, hekk kif il-pariri xjentifiċi jippermettu l-introduzzjoni mill-ġdid ta' limitu xieraq tal-qabda. Jistgħu jitqiesu wkoll aktar miżuri komuni għas-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw biex jiġi protett l-istokk tal-bakkaljaw tal-Punent, bħad-daqsijiet ta' referenza minimi u massimi.

Dikjarazzjoni Konġunta mid-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku fir-rigward tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent fl-2024

Minħabba li l-bijomassa tal-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent hija taħt il-B_{lim}, u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2024. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent.

Dikjarazzjoni Konġunta mid-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku fir-rigward tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent fl-2024

Minħabba li l-bijomassa tal-istokk tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent hija taħt il-B_{lim}, u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1139, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dan l-istokk fl-2024. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokk tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent.

Dikjarazzjoni Konġunta mid-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku fir-rigward tas-salamun fil-baċir ewlieni fl-2024

Minħabba li fis-subdiviżjonijiet 22-30 tal-ICES kważi l-istokkijiet kollha tas-salamun selvaġġ tax-xmajjar huma ferm taħt ir-R_{lim}, id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2024. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokkijiet tas-salamun selvaġġ tax-xmajjar fis-subdiviżjonijiet 22-30 tal-ICES.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni, u d-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja dwar skambji ta' kwoti tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Punent

Fi spirtu ta' solidarjetà, Stat Membru li m'għandux bżonn il-kwota sħiħa tiegħu ta' qabdiet aċċessorji għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jew tal-Punent ser jagħmel ħiltu biex jaqbel dwar skambji ta' kwoti ma' Stat Membru li jista' juri li ser iħabbat wiċċu ma' effett ta' kwoti limitanti minħabba l-kwota limitata tiegħu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jew tal-Punent.

Dikjarazzjoni Konġunta mid-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Litwanja u l-Polonja dwar it-trasferimenti tal-kwoti tas-salamun fil-Baċir Ewlieni

Fi spirtu ta' solidarjetà u b'riconoxximent tal-isforzi ta' konservazzjoni li saru mill-Finlandja u l-Iżvezja, li wasslu għal stokkijiet b'saħħithom fl-ilmijiet tagħhom, Stat Membru li ma jistax juża l-kwota kollha tiegħu għas-salamun fil-Baċir Ewlieni ser jikkunsidra trasferiment volontarju tal-parti mhux użata jew mhux utilizzabbli ta' dik il-kwota lill-Finlandja u/jew l-Iżvezja.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u l-Ġermanja dwar l-għażla ta' appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)

1. Skont l-Artikolu 5(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jstabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, il-miżuri ta' rimedju għall-fini tal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament jistgħu jinkludu miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, taħt ċerti kundizzjonijiet.
2. Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar il-bakkaljaw u l-aringa fis-subdiviżjonijiet 22-24, il-Ġermanja għaldaqstant tqis li huwa neċessarju li tadotta miżuri ta' emerġenza skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Il-miżuri ta' emerġenza fis-subdiviżjonijiet 22-24 għall-bastimenti tas-sajd Ġermaniżi jikkonsistu fl-introduzzjoni ta' għeluq ta' 30 jum għall-protezzjoni tal-bakkaljaw flimkien mal-għeluq riproduttiv tal-bakkaljaw stabbilit bl-Artikolu 7(3) tar-Regolament li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku li matulhom l-eżenzjoni fl-Artikolu 7(4)(b) ma għandhiex tapplika, u li jillimitaw is-sajd għall-aringa bi 30 jum addizzjonali li matulhom tiġi interrotta l-eżenzjoni għal ċertu sajd kostali fuq skala żgħira mill-projbizzjoni li jiġu mmirati l-aringi tal-Punent, u jillimitaw bi 30 jum addizzjonali wkoll sajd b'qabdiet aċċessorji sostanzjali tal-aringa.
3. Il-Kummissjoni u l-Ġermanja jaqblu li din il-miżura ta' emerġenza hija eliġibbli għall-finanzjament mir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 dment li tkun f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(2)(c) ta' dak ir-Regolament.